MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Numru. 380/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Angele Chetcuti ta' 32 sena bint Angelo w Patricia nee Bartolo imwielda San Giljan fit-08.08.1977 residenti 'Farrows Apartments', Flat 2, Triq il-Ghajn, Bahar ic-Caghaq ID: 135478(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata Angele Chetcuti li gie akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-28 w 29 ta' Gunju 2008 u fl-erbgha snin ta' qabel din id-data:

a) Kellja fil-pussess taghha ir-raza mehudha mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha lill-imputat hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhau.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali taghha u li din kienet okkazjoni unika.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------